# QORTI CIVILI – PRIM'AWLA

## IMHALLEF:

## ONOR. GIANNINO CARUANA DEMAJO LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 8 ta' Jannar, 2002**

**Numru 21**

**Cit. Nru. 1818/01(F1) GCD**

**Carmel u Helen konjugi Galea**

**Vs**

**Joseph u Concetta sive Connie konjugi Fenech**

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni li biha l-atturi, wara li qalu:

Illi l-konvenuti "in solidum" ghandhom jaghtu lill-atturi, kif minnhom ammess bil-miktub (Dok. A, B u C), is-somma ta' sbatax-il elf u seba' mitt lira Maltin (Lm17,700) bhala bilanc minn somma akbar imhallsa akkont wara konvenju ghax-xiri ta' immobbli tal-11 t'April 2001 (Dok. E);

Illi ghalkemm interpellati biex ihallsu (Dok. B), il-konvenuti baqghu inadempjenti;

Illi dan il-kreditu huwa wiehed cert, likwidu u dovut u l-konvenuti m'ghandhom ebda eccezzjoni x'jaghtu ghat-talbiet attrici (vide affidavit Dok. D);

Talbu illi din il-Qorti:

1. tghaddi biex taqta' u tiddeciedi din il-kawza bid-dispensa tas-smigh ai termini ta' l-artikoli 167 – 171 tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili;

2. tikkundanna lill-konvenuti "in solidum" ihallsu lill-atturi s-somma fuq riferita ta' sbatax-il elf u seba' mitt lira Maltin (Lm17,700) dovuta kif fuq spjegat.

Bl-imghax mid-data tal-ittra ufficjali tat-3 t'Ottubru 2001 (Dok. B) u bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-imsemmija ittra ufficjali u tal-mandat ta' sekwestru numru 3139/2001, tat-13 ta' Novembru, 2001, kontra l-konvenuti.

Rat ukoll l-*affidavit* mahluf minn Carmel Galea u rat id-dokumenti u l-atti kollha fil-process.

Rat illi c-citazzjoni u l-avviz tas-smigh kienu notifikati lill-konvenuti fiz-zmien li trid il-ligi, izda, ghalkemm il-kawza ssejhet tliet darbiet, il-konvenuti baqghu ma dehrux.

Billi ghalhekk l-artt. 167 *et seqq*. tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili jridu li s-sentenza tinghata llum stess bid-dispensa tas-smigh, il-Qorti taqta' l-kawza billi fil-

kontumacja tal-konvenuti tilqa' t-talbiet maghmula fic-citazzjoni, bl-ispejjez.

**Onor. Imhallef Giannino Caruana Demajo LL.D.**

Dep. Reg.

cm